

22003D0004(01)

10.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 94/49

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 4/2003****tal-31 ta' Jannar 2003****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITATA KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif kien emend mill-Protokol li aġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa l-quddiem msemmi bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2002 tas-6 ta' Diċembru 2002 ⁽¹⁾.
- (2) Direttiva tal-Kummissjoni 2002/42/KE tas-17 ta' Mejju 2002 li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE, u 90/642/KEE rigward it-tqegħid ta' livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi (bentazone u pyridate) ġo u fuq ċerejali, oġġetti ta' l-ikel magħmula mill-annimali u ċerti prodotti magħmula mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix ⁽²⁾, kif kienet korretta minn ĠU L 140, tat-30.5.2002, p. 39, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi ta' kif jittieħdu l-kampjuni mill-Komunità għall-kontroll uffiċjal tar-residwi tal-pestiċidji ġo u fuq prodotti magħmula minn pjanti u annimali u t-tħassir ta' Direttiva 79/700/KEE ⁽³⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/67/KE tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-ittikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel li fihom il-quinine, u ta' oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom il-kafejina ⁽⁴⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jkun emend kif inhu ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma' punti 38 (Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE), 39 (Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE) u 54 (Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):

“– **32002 L 0042:** Direttiva tal-Kummissjoni 2002/42/KE tas-17 ta' Mejju 2002 (ĠU L 134, tat-22.5.2002, p. 29), kif ġiet korretta minn ĠU L 140, tat-30.5.2002, p. 39.”

⁽¹⁾ ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 134, tat-22.5.2002, p. 29.

⁽³⁾ ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 30.

⁽⁴⁾ ĠU L 191, tad-19.7.2002, p. 20.

2. Il-punti li ġejjin għandhom jkunu miżjuda wara punt 54zy (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2002):
 - “54zz. **32002 L 0063:** Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi ta' kif jittieħdu l-kampjuni mill-Komunità għall-kontroll uffiċjali tar-residwi tal-pestiċidji ġo u fuq prodotti magħmula minn pjanti u annimali u tħassar Direttiva 79/700/KEE: (ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 30).
 - 54zza. **32002 L 0067:** Direttiva tal-Kummissjoni 2002/67/KE tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-ittikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom il-quinine, u ta' oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom il-kafejina (ĠU L 191, tad-19.7.2002, p. 20).”
3. It-test ta' punt 20 (Direttiva tal-Kummissjoni 79/700/KEE) għandu jiġi mħassar.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2002/42/KE, kif kienu korretti minn bil-lingwa Islandika u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjal tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003, sakemm n-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsimha taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Il-ħtiġiet kostituzzjonali m'humiex indikati.